Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 434/2014

Il-Pulizja

Spettur Nikolai Sant

Vs

John Mary Axiaq

Illum 19 ta' Novembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Mary Axiaq, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 297572M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-gzejjer, f'Haz Zabbar, fl-4 ta' Ottubru 2000 u fl-ahhar sena qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u

meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkonsenja, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985, kif emendat;

d) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkonsenja medicina specifikata u psikotropika lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti jew ma kienx xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu u dan bi ksur tar-Regolament 10(2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att V tal-1985, kif emendat, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, moghtija fil-31 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) u t-Tieni Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikolu 17 (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (b) u (d) migjuba fil-konfront tieghu u lliberatu minnhom u sabithu hati tal-imputazzjonijiet (a) u (c) u ikkundannatu ghall-piena ta' **tminn (8) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro** (**€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti ma ordnat lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-mori ta' dawn il-proceduri u dan ghaliex fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tas-sena 2005, l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien jezigi t-talba tal-prosekuzzjoni ghall-kundanna dwar il-hlas tal-ispejjez, liema talba ma saritx fic-*charge sheet* odjerna.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti bhala Dokument JM1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat wkoll il-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tal-flus elevati mill-pussess tal-hati, esebiti bhala Dokument JM2 u JM3u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Mary Axiaq, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha u tilliberah fil-parti kundannatorja taghha u konsegwentement tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-ligi u fil-kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija tieghu in parte o in toto, li tvarja l-piena imposta ta' detenzjoni ghal piena ohra mhux ta' karcerazzjoni effettiva skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata ta' John Mary Axiaq esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi b'akbar rispett, lejn id-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti, il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jwasslux fil-grad li trid il-ligi ghall-sejbien ta' htija ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet. Fuq bazi ta' probbabilita', li hu l-oneru li trid tilhaq id-difiza, gie ppruvat anke fuq bazi ta' buon sens.

Illi l-esponenti John Mary Axiaq, kif digà intqal, instab hati tal-imputazzjonijiet (a) u (c) u cioè:

*Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-*

*licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu; u kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985, kif emendat;*

Fl-ewwel lok sabiex wiehd jista' tinstab hitja, il-prosekuzzjoni trid tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni li d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi mhux talli f'kwalunkwe mument sahansitra anke erbatax il-sena wara l-imputat dejjem cahad li d-drogi qatt ma kienu ghall-bejgh izda talli wkoll l-unika xhieda li rnexxiela ttella l-prosekuzzjoni li kien certu Lee Bromidge, ukoll cahad li kien hemm xi bejgh ta' droga izda t-tnejn li huma dejjem kienu konsistenti dwar il-fatt fir-rigward tal-problema kbira li kellhom bil-vizzju tad-droga.

Illi sahansitra anke a tempo vergine fl-istatement tieghu l-imputat dejjem cahad li kien ibiegh xi droga izda minghajr l-ebda tlaqliq dejjem ammetta li kien jabbuza mid-droga eroina.

Illi ghalhekk la darba l-appellant stess ammetta l-uzu ta' din id-droga jirrizulta b'mod car u inekwivoku illi l-appellant kien heavy user highly dependant fuq diversi tipi ta' droga. Fil-fatt meta l-pulizija marru fid-dar tal-appellant sabiex jaghmlu tfittxija kwazi qabduh red handed qed jabbuza mid-droga eroina. Ghalhekk il-Qorti trid tifhem li l-appellant kien persuna illi tabbuza mid-droga kwazi l-hin kollu.

Illi f'dan il-kuntest, jinghad illi sabiex Qorti ssib htija ta' intenzjoni ta' spacc ta' drogi, hija mhux biss trid tkun konvinta 'beyond reasonable doubt' illi tali persuna kellha l-pussess tad-droga izda wkoll illi tali persuna kellha l-intenzjoni li tispacca jew b'xi mod tikkonsenja l-istess droga.

Illi ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentement ippruvat ir-reat in dezamina, il-Qorti trid, wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi prodotti, tasal ghal konvinciment morali illi mic-cirkostanzi tistà 'safely and satisfactorily' tigbed inferenza w tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta w specifika tal-ispacc. Mhux kull cirkostanza illi tista' twassal ghal xi suspett hija sufficjenti. B'mod generali, il-ligi ma tissanzjonax l-intenzjonijiet, u huwa biss eccezzjonalment illi l-ligi tikkonsidra r-reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, w ghaldaqstant, l-espoenenti jissottometti illi wiehed ghandu jezercita cirkospenzjoni ikbar f'kazijiet simili, u sabiex ma jinholqux ingustizju l-intenzjoni tal-ispacc ghandha tirrizulta b'mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciement fortt ta' kongenturi u suppozizzjonijiet.

Illi ghalhekk l-prosekuzzjoni naqset milli ggib provi konklussivi, li l-istess pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant, u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat minn l-akkuzat tal-pussess aggravat tad-droga eroina, kif dedotta fil-konfront tieghu skond l-ewwel akkuza.

Illi fit-tieni lok, l-appellant jilmenta mill-piena erogata fuqu illi fic-cirkostanzi jissottometti illi hija wahda eccessiva w dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Illi llum huwa persuna totalment riformata u sahansitra qieghed bilghaqal u jahdem.
(b) Illi sabiex wasal fejn wasal sal-llum il-gurnata kien jirrikjedi hafna sforz, hidma u will power u dan kif gie ikkonfermat mis-social worker Jean Cali li ghamlet snin tahdem mieghu sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.
(c) Illi t-trapass taz-zmien specjalment dik ta' erbatax il-sena ippregudikat d-dritt ghall-appellanti sabiex ikollu smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Dan iwassal ghal-ksur tal-jedd fondamentali tal-bniedem.

Piena

Minghajr pregudizzju ghall-premess il-piena inflitta ta' detenzjoni hija wahda sproporzjonata. Il-Qorti ghandha lat wiesa meta tigi biex tinfliggi piena. Piena ta' multa jew ammenda hija aktar gusta fil-kaz odjern. Is-socjeta' ma hi ser tiggwadanja xejn billi tinkarcerah. Hemm mezzi ohra ta' piena fejn is-socjeta' tista' tilhaq l-iskop li ghaliha l-ligi timponi piena. Il-kuncett ta' probation li hafna drabi jissejjah a second chance jew piena ohra ta' community work li ma hix wahda ta' karcerazzjoni effettiva, hi bir-rispett, applikabbli ghal dan il-kaz, jekk tinstab htija.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat qieghed iressaq l-impunjattiva tieghu kontra id-decizjoni appellata u dan fejn instabet htija fil-konfront tieghu ghall-akkuzi bl-ittri (a) u (c) u cioe' dawk dwar il-pussess aggravat tad-droga eroina u tal-medicina specifikata u psikotropika. Jilmenta ukoll illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wisq harxa billi setghet giet moghtija piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija indirizzata lejn ir-riforma tieghu.

Jishaq l-appellanti illi id-droga li instabet fil-pusess tieghu kienet ghall-uzu personali tieghu billi huwa *heavy drug user* u kwindi jikkonsma din is-sustanza illecita b'mod regolari u fi kwantitajiet sostanzjali.

Illi il-Qorti fliet bir-reqqa id-decizjoni appellata u l-konsiderazzjonijiet li wassluha sabiex tiskarta l-linja difenzjonali kif imfissra mill-appellanti fl-ewwel lanjanza tieghu. Ma hemmx dubbju illi l-provi indizzjarji f'dan il-kaz kienu ta' piz tali illi setghu ragjonevolment iwasslu lill-gudikant f'direzzjoni wahda u univoka, u cioe' illi l-pussess tad-droga eroina u pilloli illeciti fir-residenza ta'l-imputat kienu indikattivi illi dawn kienu intizi biex jigu spaccjati. Dan ghaliex mhux biss id-droga u pilloli instabu maqsuma diga f'dozi izghar u kwazi indaqs bil-parafernalja kollha maghhom li hija indikattiva ta' intenzjoni ta' spacc, izda ukoll ghaliex instab fil-pussess ta'l-akkuzat ammont ta' flus meta huwa iddikjara illi l-introjtu tieghu f'assistenza socjali bhala persuna dizokkupata jiddisponi minnha kollha sabiex ikun jista' jixtri id-droga.

Illi l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet taghti piz lix-xhieda ta' Lee Bromidge li kien irrilaxxja dikjarazzjoni guramentata fejn sostna illi kien jixtri id-droga minn ghand l-akkuzat, liema xhieda huwa imbaghad irtira meta xehed *viva voce* quddiem il-Qorti. Illi l-Ewwel Qorti, madanakollu, ma wasslitx ghal sejbien ta htija fir-rigward ta'l-akkuzi dwar il-pussess aggravat abbazi ta' dina ix-xhieda, billi din l-prova kienet unikament indirizzata lejn l-akkuza dwar it-traffikar li minnha l-appellanti gie illiberat u dan proprju ghaliex l-Ewwel Qorti sabitha difficli taghti il-piz xieraq lix-xhieda ta' Bromidge.

Illi fir-rigward tal-aggravvju koncernanti il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, il-Qorti tqies illi l-piena hija iktar vicin lejn il-minimu u kwindi certament illi l-Ewwel Qorti kienet miti hafna lejn l-imputat u hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz meta giet biex tinfliggi il-piena ghar-reati li dwarhom kienet qed tinstab htija. Piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija, kemm taht il-Kapitolu 101 kif ukoll ai termini tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex moghtija[1] u kwindi l-Ewwel Qorti legalment ma setghtex taghti tali piena billi din ma kenitx tkun konfacjenti ma' dak li tipprovdi il-ligi fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[1] Ara artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31